# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju, 2001.**

**Numru 43**

**Citaz. Nru. 1103/01GV**

**O.K. Limited**

**vs**

**Day to Day Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici ghamlet diversi konsenji ta' merkanzija lis-socjeta' konvenuta f'diversi dati u dan fuq ordni u ghall-beneficcju tal-istess socjeta' konvenuta.

Premess illi s-socjeta' konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn erba' mija u erbgha u disghin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmi (Lm2,494.23) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija hekk mibjugha u kkonsenjata lilha mis-socjeta' attrici;

Premess illi nonostante interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti minghanjr ebda raguni valida fil-ligi;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi, a tenur tal-artikoli 167 u 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi

l-kreditu tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' attrici pprezentat dikjarazzjoni illi biha Adrian Stivala kkonferma bil-gurament tieghu illi s-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tas-somma dovuta;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi u b'dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 u 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12):

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn erbgha mija u erbgha u disghin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm2,494.23) dovuti lis-socjeta' attrici kif hawn fuq jinghad

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult (Lm10) u dawk tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi pprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-9 ta' Jannar, 2001 u cioe' mid-data tal-ahhar konsenja tal-merkanzija sal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**